MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 111/2021 LM

**Sebastian Darmanin Kissaun (K.I. nru. 257902L)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Kenky Cars Limited (C 95814)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Sebastian Darmanin Kissaun (K.I. nru. 257902L)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn sentenza mogħtija fid-9 ta' Jannar, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata **Kenky Cars Limited**

**(C 95814)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] billi laqgħet l-ħames eċċezzjoni u ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha safejn dawn ma kienux kompatibbli mad-deċiżjoni, u ċaħdet it-talba tal-imsemmi appellant, bl-ispejjeż kontrih.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw vettura tal-marka BMW 116D bin-numru ta' reġistrazzjoni ICD 846, li l-appellant xtara mingħand is-soċjetà appellata, u sussegwentement allegatament instabet li kienet difettuża billi kellha diversi ħsarat li għalihom ħallas l-appellant

**Mertu**

3. Għalhekk l-appellant istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, u dan permezz tal-preżentata ta' rikors fis-27 ta' April, 2021 fejn ħarrek lis-soċjetà appellata sabiex:

> *"...tgħidu 'il għaliex m'għandkomx tkunu ikkundannati li tħallsu s-somma ta' sebgħat elef, sittax-il ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€7,016.28) rappreżentanti, erbgħat elef, sebgħa mija tmienja u sittin ewro, u sitta u sittin ċenteżmu (€4,468.66) xogħol ta' tiswija (irċevuta tal-VAT annessa u mmarkata Dok A), u elfejn, ħames mija u sebgħa u erbgħin ewro, tnejn u sittin centeżmu (€2,547.62) ordni ta'* parts *li għad iridu jaslu (*quote *tal-*parts *li fadal jaslu għall-istess tiswija, annessa u mmarkata Dok B) sabiex tissewwa karozza tal-marka BMW mixtrija mingħandkom, bin-numru ta' reġistrazzjoni ICD 846 (tmienja, erbgħa, sitta) nhar l-20 ta' Novembru 2020 (*bill of sale *annessa u mmarkata Dok C).*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data indikata fl-iskrittura sal-pagament effettiv, minn issa kontra tagħkom nġunti in subizzjoni.*

*Jekk tonqsu li tidhru fil-jum u siegħa hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeċiedi skont il-Liġi."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-20 ta' Lulju, 2021 fejn eċċepiet is-segwenti: (i) it-talbiet kienu inammissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) l-ammont reklamat mhux dovut stante li hija ma kinitx biegħet vettura difettuża; (iii) mingħajr preġudizzju, l-ammont mitlub qiegħed jiġi kkontestat; (iv) qabel l-appellant xtara l-vettura, huwa kien inkariga *mechanic* tal-fiduċja tiegħu sabiex jispezzjona l-vettura, fejn l-eżitu kien li din kienet f'kundizzjoni tajba; (v) l-appellant kien iffirma *bill of sale* fejn aċċetta li kien qed jixtri l-vettura *tale quale*; (vi) l-appellant kien tenut juri li l-ħsarat fil-vettura kienu preżenti qabel huwa kien xtara l-imsemmija vettura; (vii) u salv eċċezzjonijiet oħra, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi matul it-trattazzjoni finali, ġie sottomess mill-abbli avukat tal-attur għall-ewwel darba illi l-azzjoni esperita mill-attur hija l-*actio aestimatoria *kif maħsuba fl-Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Minn daqqa t'għajn lejn ir-Rikors promotur ma jirriżultax illi l-azzjoni ġiet imfassla bħala tali: fil-fatt, it-talba tal-attur hija għall-ħlas ta' somma determinata ta' flus rappreżentanti l-prezz tat-tiswija tal-vettura li huwa akkwista mingħand is-soċjetà konvenuta mingħajr, iżda l-kawżali jew bażi ġuridika tat-talba għall-ħlas ta' din is-somma ġiet imfissra espressament fir-Rikors promotur.*

*Għalkemm it-talba fir-Rikors m'hijiex dwar il-jedd għar-riduzzjoni tal-prezz permezz tal-azzjoni aestimatoria, kif finalment l-attur iddikjara li qed jeżerċita, il-Qorti tfakkar*

*li fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha, anke jekk it-talba mfissra fir-Rikors promotur ma tiġix ippruvata, hija tista' tiddeċiedi fuq jedd ieħor li jiġi ppruvat għalkemm dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali kif imfisser fl-att promotur tal-azzjoni. Tqis għaldaqstant illi anke jekk il-jedd għar-riduzzjoni fil-prezz permezz tal-azzjoni* aestimatorja *jista' ma jidħolx sewwa fit-talba oriġinali, xejn ma josta li l-Qorti tiddeċiedi fuq dan il-jedd jekk dan jiġi ppruvat mill-provi mressqin quddiemha.*

*Għalhekk il-Qorti sejra tibda biex tistħarreġ l-azzjoni mill-ottika tal-Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, mhux biss għaliex hekk arġina t-trattazzjoni l-abbli avukat tal-attur, iżda wkoll għaliex kif ingħad, l-ebda kawżali oħra ma ġiet imfissra espressament fl-att promotur tal-azzjoni.*

*L-*actio aestimatoria *hu rimedju provdut mil-liġi għall-implimenatazzjoni tal-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, liema garanzija hija waħda minn dawk li jrid jagħti l-bejjiegħ a tenur tal-Artikolu 1424 tal-istess Kodiċi Ċivili. Dan jgħid hekk :-*

Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.

*In propositu dawn id-difetti, ingħad hekk:-*

"Il-venditur hu tenut jirrispondi għall-vizzji jew difetti okkulti li jirrendu l-istess ħaġa mhix tajba għall-użu li għalih hi destinata jew inaqqsu l-użu b'mod illi, kieku l-kumpratur kien jaf bihom, jew ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz anqas. Meta jivverifika ruħu l-konkors tal-estremi kollha meħtieġa għal din il-garanzija, jiġifieri li l-vizzji jew difetti jkunu gravi, okkulti u pre-eżistenti, il-kumpratur jista', kif jagħżel huwa, jew jagħti lura l-ħaġa u jieħu l-prezz lura, jew iżommha u jieħu lura dik il-parti mill-prezz li tkun tirrappreżenta l-valur nieqes li tiġi stabbilita mill-Qorti.
…

Il-venditur mhux tenut jiggarantixxi lill-kumpratur illi l-ħaġa mibjugħa hija eżenti minn kull vizzju, imma biss li hija eżenti minn dawk il-vizzji jew difetti okkulti...
…

E per vizio o difetto deve appunto intendersi qualunque annormalità o imperfezione, e qualunque guasto o avaria, che si riscontra nella cosa, più o meno offendono l'attitudine dell'uso, o la bontà o l'integrità. A parlar propriamente di difetto indicherebbe tutto ciò che manca alla cosa per esercitare in modo pienamente conforme alla sua natura ...". *(fn. 4* ***Perit Cavaliere Emmanuele Borg A&CE v. Carmelo Petroni,*** *Appell Ċivili, 29.1.1954)*

*Ir-riżultat tal-*actio aestimatoria *huwa t-tnaqqis fil-prezz imħallas mix-xerrej lill-bejjiegħ għall-ħaġa mibjugħa iżda, għas-suċċess ta' din l-azzjoni, irid jigi stabbilit qabel xejn illi d-difett kien eżistenti fil-mument tal-bejgħ iżda ma kienx jidher u x-xerrej ma setax isir jaf bid-difetti waħdu. Fil-fatt, il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru jekk dawn id-difetti seta' jsir jaf bihom ix-xerrej waħdu (fn. 5 Artikolu 1425 tal-Kap. 16). Minbarra dan, il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti moħbija jekk ikun ġie ftiehem li m'għandux ikun obbligat għal ebda garanzija (fn. 6 Artikolu 1426 tal-Kap. 16) u biex ftehim bħal dan jopera għall-ħelsien tal-bejjiegħ minn dan l-obbligu l-bejjiegħ, irid jirriżulta minn dikjarazzjoni espressa u speċifika li m'għandhux jiġi tenut għal ebda garanzija.*

*Dan qed jingħad għaliex fil-paragrafu enumerat ħamsa (5) fir-Risposta tagħha, is-soċjetà konvenuta saħqet li l-partijiet ftiehmu li l-vettura tinbiegħ* tale quale *u waqt it-trattazzjoni finali, l-abbli avukat tal-istess soċjetà konvenuta issottometta illi l-użu ta' din il-frażi fil-ftehim tal-bejgħ tal-vettura għandu jopera biex jeżonera lill-bejjiegħ mill-obbligu li jiggarantixxi kontra difetti moħbija.*

*Il-Qorti ma taqbilx għal kollox ma' din is-sottomissjoni: il-ġurisprudenza in materja hi konkordi u assodata illi l-frażi* tale quale *ma tirrappreżentax id-dikjarazzjoni espliċita li teħtieġ l-Artikolu 1426 tal-Kap. 16 1426, li jipprovdi illi l-bejjiegħ iwieġeb għad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom,* ***kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-każ, m'għandux ikun obbligat għal ebda garanzija*** *(fn. 7 Enfasi tal-Qorti). Huwa minnu li l-klawsola* 'tale quale' *teżonera lill-bejjiegħ minn responsabbiltà għal difetti li jkunu jidhru fiż-żmien meta sar il-bejgħ, li jistgħu jiġu skoperti b'sempliċi eżami tal-oġġett, mobbli jew immobbli, li jkun qed jinxtara, iżda jekk id-difett kien wieħed latenti, din il-klawsola ma tistax tiġi interpretata bħallikieku teżonera lill-bejjiegħ mill-obbligi tiegħu. Hawnhekk, naturalment, takkwista importanza l-kwistjoni tad-determinazzjoni tan-natura tad-difett, jekk kienx wieħed latenti jew jekk fil-fatt setax ix-xerrej isir jaf bih b'sempliċi eżami tal-ħaġa mibjugħa.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Bonanno et v Raymond Dimech****, ġie ritenut:-*

"… il-fatt li fil-ftehim ta' bejgħ ġiet inserita l-frażi "tale quale" … dan ma jeskludix lill-venditur mill-obbligu tal-garanzija u din il-frażi m'għandhiex tirċievi l-interpretazzjoni pretiża mill-appellanti illi b'hekk kien qed jinftiehem b'mod espress għall-esklużjoni tal-istess garanzija, kif hekk jippreskrivi l-Artikolu 1426, Kodiċi Ċivili.

Huwa in effetti ġurisprudenzjalment riċevut, anke jekk il-prinċpju ma huwiex assolut (ara Kollez. Vol. XX P I p 273, f'kaz ta' bejgh bl-irkant), illi "la clausola 'tale e quale' non ha per effetto di esonerare il venditore dalla responsabilità per vizi occulti" (Kollez. Vol. XV p 316; Vol. XXII P I p 309). Kif ġja ingħad din il-frażi ma tirrappreżentax

dik id-dikjarazzjoni espliċita rikjesta mill-Artikolu 1426;" *(fn. 8 Qorti tal-Appell (Inf.), deċiża 12.1.2005)*

*Iktar reċentement, f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2015, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 9 Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu 2011, fl-ismijiet **Odette Grixti v. Mario Rodgers et**) li fir-rigward, qalet hekk:-*

"Dwar il-frażi "tale quale" li wkoll kienet ġiet inserita fil-kuntratt ta' kompravvendita l-Qorti qalet hekk: "Jingħad ukoll illi ankorke' kien hemm miżjud il-kliem tale quale fid-diċitura tal-kuntratt dan ma kienx iġib awtomatikament għall-eżoneru mill-obbligu tal-garanizija kontra d-difetti li timponi l-liġi. Infatti l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet "Gerald Mercieca et vs Emanuele Zammit et" deċiża fil-5 ta' Marzu 1979 qalet ċar u tond li "skont l-artikolu 1476 (illum 1426) tal-Kodiċi Ċivili, biex il-venditur jeħles mill-obbligu lilu mpost li jirrispondi għad-difetti moħbija li ma jkunx jaf bihom hemm bżonn li huwa jkun ftiehem illi, f'każ ta' difett simili, m'għandux ikun tenut għall-ebda garanzija. Issa l-klawsola tale quale, fiha nnifsha ambigwa in kwantu soġġetta għal aktar minn sinjifikat wieħed, u ċertament ma tikkostitwix ftehim espliċitu f'dan is-sens u għalhekk, is-sempliċi inklużjoni tagħha f'kuntratt ta' bejgħ mhix suffiċjenti per se biex teħles lill-venditur minn dak l-obbligu. Min-naħa l-oħra, dana l-effett tal-frażi lanqas jista' jiġi eskluż a priori. Il-ftehim rikjest mil-liġi f'dana r-rigward jista', bħal kull ftehim ieħor, ikun anke taċitu u kwindi, potenzjalment, induċibbli minn ċirkostanzi partikolari (din il-Qorti tipprospetta senjatament il-każ ta' xi użu kummerċjali) li jkunu juri konkludentement li b'dik il-klawsola l-kontraenti riedu jfissru u jiftiehmu li l-venditur m'għandux jissoġġaċi għall-garanzija in kwistjoni."

*Il-Qorti rat l-iskrittura li ġiet iffirmata mill-partijiet fl-20 ta' Novembru 2020, intestata "*Vehicle Bill of Sale*" li permezz tagħha Kenneth Schembri biegħ lill-attur il-vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni ICD-846 għall-prezz ta' €12,000. Tosserva wkoll li f'din l-iskrittura, l-attur kompratur iddikjara espliċitament hekk:-*

"I, the undersigned Buyer, acknowledge receipt of this Bill of Sale and understand there is no guarantee or warranty, expressed or implied with respect to the aforementioned vehicle, it is also understood that the aforementioned vehicle is being sold in "as is" condition."

*Il-Qorti taqbel illi l-użu tal-kelma* "as is" *fid-diċitura tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura, jista' jinftiehem bl-istess mod bħall-frażi "*tale quale*" u b'hekk jikkonsegwi illi l-partijiet f'dan il-każ ftiehmu illi l-venditur huwa meħlus mill-obbligu ta' difetti li jidhru fil-vettura mibjugħa. Dan qed jingħad għaliex* "Quando i vizi sono apparenti, si

presume che il compratore abbia accettata la cosa coi suoi vizi e non può essere ammesso di ritornare su questa convenzione.*" (fn. 10 Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri): **Camilleri et vs Paulmid Developments Limited**, deċiża 29.05.2012) **Iżda f'dan il-każ, il-partijiet marru oltre minn dan meta ġie dikjarat espressament mill-attur kompratur fil-ftehim tal-bejgħ, illi li m'hu qed jingħata l-ebda garanzija la espliċita u lanqas impliċita fir-rigward tal-vettura mibjugħa. Għalhekk, id-dikjarazzjoni li bejgħ tal-vettura sar*** **tale quale** ***f'dan il-każ ġiet kwalifikata b'esklużjoni wkoll tal-obbligu għal kull garanzija kwalsiasi, inkluż garanziji preżunti li huma mogħtija mil-liġi nnfisha mingħajr il-ħtieġa li jkunu espressament pattwiti.***

*Stabbilit li hemm konvenzjoni bejn l-attur u l-konvenut, din għandha tiġi osservata għaliex din hija l-espressjoni manifesta tal-volontà tal-partijiet. Kif inhuwa ritenut b'mod paċifiku fil-ġurisprudenza in materja, il-prinċipju fondamentali u regolamentari fil-liġi tal-kuntratti:-*

"jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." *(fn. 11 Qorti tal-Appell – 5 ta' Ottubru, 1998 – **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines**)*

*Kif ġie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc** (fn. 12 Deċiża 7 ta' Ottubru 2004.):-*

"Dan hu konformi mal-prinċipju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, **hu preżunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-interessi tagħhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor, ancorche' bażat fuq l-ekwità**. **Il-prinċipju tar-rispett għal volontà tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet għandu "forza ta' liġi" għalihom** (artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili), u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftehmu l-partijiet il-volontà tagħha." *(emfasi ta' din il-Qorti)*

*Il-Qorti tistenna illi l-partijiet iniżżlu bil-miktub il-pattijiet kollha rilevanti li setgħu ġew negozjati bejniethom. Fil-fatt, hi presunzjoni* "loġika u ġuridika*" (fn. 13 **Aquilina noe vs Portelli**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2005) li meta l-partijiet jkunu ftiehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f'kitba, huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu. Għalhekk, fin-nuqqas ta' stipolazzjoni espressa fil-ftehim li l-venditur kien qed jiggarantixxi kontra difetti*

*mekkaniċi, il-Qorti m'hijiex propensa timmina l-forza tal-vinkolu kontrattwali li joħolqu l-pattijiet konvenzjonali espressament stipolati mill-partijiet f'dan il-każ.*

*Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Clive Simpson noe vs John Saliba noe*** *(fn. 14 Deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2004), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk in propositu:-*

"… huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inatteż id-diskussjonijiet u kif dawn żvolgew. **Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat** (ara **Frendo vs. Caruana**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara **Brincat vs. Saliba**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 1983)." *(emfasi ta' din il-Qorti)*

*L-attur fix-xhieda tiegħu jisħaq illi Kenneth Schembri tah garanzija verbali (fn. 15 Kontro-eżami tal-attur, 22 ta' Ġunju 2022) li l-magna kienet f'kundizzjoni mekkanika perfetta u kien lest jagħmel tajjeb għall-ispejjeż biex jissewwew xi problemi mekkaniċi li setgħu jfeġġu fil-vettura. Isostni wkoll illi huwa xtara l-vettura u ħallas il-prezz sħiħ ta' €12,000 sewwasew għaliex ingħata din il-garanzija. Din il-verżjoni hija kontradetta mis-soċjetà konvenuta li ċaħet li tat ebda garanzija lill-attur, tant illi fil-ftehim tal-bejgħ ġie stipolat espressament li l-vettura kienet mibjugħa mingħajr ebda garanzija kwalsiasi.*

*Kif inhu risaput, bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' interpretazzjoni ta' kuntratti* 'contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur' *li jinsab ferm assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (fn. 16* ***Joseph Gatt vs Joseph Galea****,* Appell Ċivili*, deċiż fl-14 ta' April 1975). Dan ifisser li l-kontraenti ma jistgħux jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax, jew jirriżulta eskluż, mill-istess kuntratt (fn. 17* ***Gemma Fenech vs. John Bugeja*** *– Appell deċiż fl-20 ta' Ottubru 2003). F'kull każ, il-Qorti m'hijiex konvinta bil-verżjoni tal-attur fir-rigward, mhux biss għaliex hija kuntrastata mill-istipolazzjoni konvenzjonali fil-*vehicle bill of sale *iffirmat mill-partijiet fejn, kif ingħad, ix-xerrej aċċetta li jeżonera lill-bejjiegħ minn kull garanzija (inkluż, s'intendi, il-garanzija għall-ħlas tal-ispejjeż f'każ li tfeġġ problema fil-magna), iżda għaliex m'hijiex konfortata mix-xhud imressaq mill-attur.*

*Għalkemm fix-xhieda tiegħu (fn. 18 Affidavit ta' Adam Doublet Barry, folio 25) Adam Doublet Barry afferma li kien preżenti meta Kenneth Schembri assigura lill-attur li kien lest iħallas l-ispejjeż biex jissewwew problemi mekkaniċi fil-vettura - ħlief għat-*timing

belt *fejn l-ispejjez kellhom jinqasmu bejn il-partijiet – huwa xehed illi dan seħħ* ***wara*** *li l-attur kien diġà xtara l-vettura, meta din żviluppat problema mekkanika serja u kien akkumpanja lill-attur fix-*showroom *ta' Kenky Cars. Fil-fatt, din il-verżjoni ta' Adam Doublet Barry hija konsistenti max-xhieda ta' Kenneth Schembri in kontro-eżami, fejn saħaq illi wara l-bejgħ l-attur kien ħa l-vettura għand mekkanik biex isirilha* service *u infurmah li kien hemm problema bit-*timing belt*, problema li jbatu biha l-vetturi tal-għamla BMW kif jagħmlu ċertu kilometraġġ.*

*Minn dan kollu, il-Qorti fehmet illi kwalsiasi offerta li setgħet saret mid-direttur tas-soċjetà attriċi biex iħallas xi spejjeż għal tiswijiet, saret mhux fil-mument tal-bejgħ, meta ġie eskluż kull obbligu għal garanzija da parti tal-venditur - iżda biss wara l-bejgħ meta feġġew xi problemi mekkaniċi fil-vettura.*

*Kif rajna, l-istipolazzjoni kontrattwali li l-vettura kienet qed tiġi mibjugħa f'kundizzjoni* "as is"*, ma ssarrafx awtomatikament u* a priori *fl-eżoneru mill-obbligu tal-garanzija kontra d-difetti li timponi l-liġi.* ***Iżda meta din l-istipolazzjoni hija akkumpanjata minn dikjarazzjoni ulterjuri li l-kompatur jirrikonoxxi wkoll li mhu qed jingħataw l-ebda garanziji la espressi u lanqas impliċiti fuq il-vettura in vendita, ftit li xejn jifdal dubju li l-volontà tal-partijiet espressament manifestata fil-konvenzjoni tal-bejgħ, kienet li l-venditur m'huwiex tenut għall-garanzija kontra difetti moħbija****. Kif stabbilit diġà, jekk kien hemm obbligu fuq il-venditur biex jiggarantixxi kontra difetti mekkaniċi fil-vettura, dan insorġa in segwitu għall-bejgħ meta Kenneth Schembri offra li l-vettura tiġi spezzjonata minn mekkanik imqabbad mill-kumpannija tiegħu.*

***Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi f'dan il-bejgħ kien eskluż l-obbligu tal-venditur li jiggarantixxi kontra difetti li ma jidhrux u għaldaqstant, l-azzjoni tal-attur in kwantu msejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1427 tal-Kap. 16, ma tistax tirnexxi.***

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-Qorti ma tistax tonqos milli tirrimarka wkoll illi f'kull każ, ma jidhrilhiex li d-difetti li ġew riskontrati fil-vettura mibjugħa, jistgħu fil-kejl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif joħroġu mill-provi, jitqiesu li huma difetti moħbija kif imfisser fil-ġurisprudenza assodata in materja.*

*Huwa fatt stabbilit u mhux kontestat mill-attur illi l-vettura ma ġiet spezzjonata minn ebda mekkanik jew persuna teknika oħra mqabbad minnu qabel iddeċieda jixtri l-vettura. Iżda mill-provi li ressaq l-attur innifsu, senjatament ir-rapport tal-espert imbaqqad minnu ex parte, Inġinier Paul D. Cardona (fn. 19 Rapport ġuramentat Dok. PC1, datat 12 ta' Jannar 2022), jirriżulta illi minn spezzjoni viżwali ġenerali li saret fid-9 ta' Marzu 2021, "***it was immediately evident** (fn. 20 Enfasi tal-Qorti) that the

vehicle has been in the past undergone significant repairs and renewals" *u dan x'aktarx għaliex kienet involuta f'inċident stradali sinjifikanti li kellu impatt fuq l-istruttura kif ukoll il-makkinkarju tagħha. Skont l-istess espert, din il-konkluzjoni kienet waħda* "ovvja" *anke mill-alinjazzjoni evidentement ħażina fil-bieba tal-lemin tal-vettura (ara ritratt fol. 44) u ċarċir ta' żebgħa fuq parts tal-vettura (ara ritratt fol. 45). Minbarra dan, l-attur innifsu xehed illi l-mekkanik imqabbad minnu biex jispezzjona l-vettura wara l-bejgħ, infurmah li din kellha istallati fiha parts ta' BMW 3series.*

*Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 21 Per. Onor. Imħallef A. Magri deċiża 4.11.1957), fl-ismijiet* ***Dr. Carlo Moore vs AIC Carmelo Falzon****, ġie ritenut:-*

Il-liġi tikkontempla difett okkult f'materja ta' bejgħ: u skont l-istess liġi, biex id-difett ikun okkult, irid ikun tali illi jkun hemm l-impossibilità li jiġi skopert. Jekk b'eżami serju, u mhux superfiċjali jista' jiġi konoxxut, il-vizzju huwa apparenti.

Illi għalhekk, ladarba, l-konvenut ma ħax ħsieb jeżamina t-travu in kwistjoni, huwa naqas mill-obbligu inerenti għad-direzzjoni; u billi ma ppruvax l-impossibilità li d-difett jiġi skopert, huwa responsabbli tal-ħsara in kwistjoni…. Ma ntużatx id-diliġenza ordinarja biex wieħed jiskopri d-difett in kwistjoni.

*Ukoll:-*

"Min jixtri oġġett mingħajr ma jagħmel eżami almenu superfiċjali tal-ħaġa li jixtri, u wisq anqas dak l-eżami li mill-esperjenza tiegħu, soltu dejjem isir fix-xiri ta' oġġetti simili ma jistax jinvoka l-azzjoni redibitorja biex jinħall mix-xiri u jrodd il-ħaġa li xtara lill-venditur u jieħu lura l-flus li ħallas għaliha." *(fn. 22 Qorti tal-Appell, deċiża 6.11.1959, fl-ismijiet* ***Giuseppe Gerada vs Salvu Attard.)***

*Il-Qorti tqis illi mill-provi li ressaq l-attur innifsu, jirriżulta li minn spezzjoni viżwali minn persuna teknika, kellu jkun ovvju mhux biss li l-vettura ma kienetx* in top condition *iżda wkoll li kienu saru fuqha tiswijiet mhux kif imiss. Il-fatt biss li l-vettura kienet ġiet imsewwija b'tiswijiet ta' kwalità inferjuri probabbilment b'riżultat ta' impatt sinjifikanti, kellu jkun biżżejjed biex jiftaħ għajnejn il-kompratur mhux biss għall-possibbilità li l-vettura kienet soffriet ħsarat mekkaniċi iżda wkoll għall-fatt li kellu joffri prezz inqas għall-akkwist tal-vettura,* multo magis *meta l-attur saħaq li huwa ried jixtri vettura li ma kellhiex bżonn l-ebda tiswijiet kwalsiasi.*

*Kollox magħdud, jidher li l-vettura kien fiha, effettivament, ħsarat mekkaniċi fil-mument tal-bejgħ u ma jistax ikun li nbiegħet* in top condition. *Madanakollu, l-attur naqas milli jimxi bid-diliġenza meħtieġa minn kompratur ta' vettura sekonda man li*

*m'huwiex bniedem tekniku jew intiż fil-vetturi u aċċetta wkoll espressament li tiġi eskluża kull garanzija kontra difetti fl-istess vettura.*

*In materja, ġie ritenut:-*

"... biex vizzju jkun apparenti, mhux neċessarju li jkun jidher esterjorment, b'mod evidenti u apert li immedjatament jikkolpixxi li dak li jkun, imma hu biżżejjed li jkun jista' jiġi kkonoxxut wara ċertu eżami. Il-leġislatur, kwindi jimponi lill-kumpratur l-obbligu li jivverifika l-istat u l-kondizzjoni tal-ħaġa taħt piena li ma jkunx jista' mbagħad jissolleva ebda reklam għall-vizzji apparenti li minnhom il-ħaġa tkun affetta; u din il-verifika għandu jagħmilha bid-diliġenza konsweta li juża l-bonus paterfamilias, u mingħajr distinzjoni jekk il-verifika tippreżentax fil-fatt diffikultajiet kbar jew żgħar, billi l-liġi meta ġġiegħel tiddependi l-apparenza tal-vizzju miċ-ċirkustanza li l-kumpratur seta' jinduna bih, ma tibbada bl-ebda mod la għall-meżżi li bihom għandu jinqeda u lanqas għall-ostakoli maġġuri jew minuri li jkollu bżonn jissupera, naturalment sakemm il-konoxxenza tal-vizzju ma tkunx tippresenta diffikultà tali li nonostante l-eżerċizzju tal-imsemmija diliġenza, il-vizzju ma jkunx jista' jiġi skopert; u jekk ix-xerrej ma jkunx kapaċi jivverifika hu personalment il-ħaġa, għall-inesperjenza jew imperizja tiegħu għandu jisserva, jew jassisti ruħu minn persuna prattika u esperta; u jekk ma jagħmilx hekk, ma jkunx jista' jgħid li adempixxa dan l-obbligu tiegħu……. Għaliex il-liġi ma tesiġix xogħol li mhux solitu jsir, eżami diffiċli u komplikat, provi tekniċi, esperimenti twal imma almenu eżami più o meno akkurat ta' bniedem prattiku. *(fn. 23 **Giuseppe Gerada vs Salvu Attard** – deċiża mill-Qorti tal-Appell Per S.T.O. Prof. A. J. Mamo, Onor Dr. A.J. Montanaro Gauci, Onor Dr. A.V. Camilleri, 6 ta' Novembru 1959. Ukoll:-* "Il vizio si deve considerare come occulto tutte le volte che il compratore non ha potuto scoprire merce` un esame attento della cosa venduta; si deve al contrario, considerare come apparente tutte le volte che con un esame attento, che un uomo serio porta negli affari che tratta, il compratore ha potuto notarli. Un difetto non e` occulto per cio` solo che il compratore non l`ha visto; se questo non ha fatto della cosa se non un esame superficiale non puo` prevalersi d`un vizio che dipendeva da lui di notare.*" - **Camilleri et vs Paulmid Developments Limited**, ibid)*

*Ikkunsidrat;*

*Illi kif diġà ngħad, minkejja li t-talba attriċi kif toħroġ mir-Rikors promotur ma tkunx ġiet ippruvata, il-Qorti xorta waħda tista' tiġġudika fuq jedd ieħor li jirriżulta mill-provi li jinġiebu quddiemha.*

*F'dan il-każ, l-attur saħaq fix-xhieda tiegħu illi Kenneth Schembri tah garanzija verbali li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż f'każ li jkun jirriżulta li l-vettura fiha problema*

*mekkaniċi. Xehed ukoll illi meta l-vettura ttieħdet fil-garaxx tal-mekkanik tas-soċjetà konvenuta wara li din żviluppat problemi mekkaniċi, Kenneth Schembri offra li jħallas nofs l-ispejjeż għat-tiswija tal-vettura mis-somma totali ta' €2,000 iżda l-attur irrifjuta għaliex l-ispiża għat-tiswija kif imiss tal-vettura kienet sejra tkun ferm ogħla minn hekk.*

*Adam Doublet Barry, li x-xhieda tiegħu ma ġiet bl-ebda mod kontestata, afferma li fil-presenza tiegħu, wara li l-vettura żviluppat problemi mekkaniċi serji, Kenneth Schembri offra li jagħmel tajjeb għall-ispejjez tat-tiswijiet mekkaniċi iżda f'każ li l-problemi kienu relatati mat-*timing belt*, dawn kellhom jinqasmu bejn il-partijiet.*

*Kenneth Schembri stqarr li huwa minnu li meta l-attur għarrfu li l-magna ma kienetx qed tiffunzjona tajjeb, hu offra li l-vettura tiġi spezzjonata minn wieħed mill-mekkaniks tal-kumpannija tiegħu - offerta li ġiet rifjutata mill-attur. Madanakollu, innega li huwa kien offra li jħallas xi spejjeż għat-tiswija u dan għaliex skont il-mekkanik tiegħu, il-problema kienet it-*timing chain *u huwa kien offra li jgħin lill-attur u mhux iħallas l-ispejjeż biex tinbidel it-*timing belt.

*Il-Qorti temmen li kollox magħdud, il-provi juru li* ex post *il-bejgħ, Kenneth Schembri kien offra li jgħin lill-attur billi jagħmel tajjeb għall-ispejjeż biex jissewwew xi ħsarat mekkaniċi riskontrati fil-vettura iżda m'huwiex konklussivament ippruvat illi huwa ta garanzija verbali li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż* ***kollha*** *għat-tiswija tan-nuqqasijiet u difetti fil-vettura, wisq inqas l-ispejjeż kollha reklamati mill-attur fis-somma totali ta' €7,016.28.*

***Iżda hawnhekk, irid jiġi osservat illi l-ftehim tal-bejgħ ġie konkluż bejn l-attur, Sebastian Darmanin Kissaun u Kenneth Schembri, mingħajr ebda indikazzjoni li dan tal-aħħar kien qed jidher f'kapaċità rappreżentattiva jew għan-nom ta' kumpannija.*** *Il-ftehim huwa intestat "Kenky Cars" iżda għall-Qorti dan huwa biss isem tan-negozju u mkien fil-korp tal-istess ftehim m'hi imsemmija l-kumpannija Kenky Cars Limited. Huwa minnu li Kenneth Schembri, meta xehed, ikkonferma li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjetà Kenky Cars Limited iżda mill-provi u l-atti proċesswali ma jirriżultax li l-vettura ġiet mibjugħa minn, jew kienet tappartjeni lil, din il-kumpannija.* ***Għall-kuntrarju, il-venditur li kkontratta mal-attur għall-bejgh tal-vettura in diżamina huwa biss Kenneth Schembri li miegħu kien innegozja l-attur kemm qabel il-bejgħ kif ukoll wara l-bejgħ tal-vettura meta ġew riskontrati fiha difetti mekkaniċi****.*

*Madankollu, l-attur indirizza t-talba tiegħu fir-Rikors promotur, biss fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Kenky Cars Limited u mhux ukoll fil-konfront ta' Kenneth Schembri li miegħu jidher li kellu rabta kuntrattwali.*

*Għaldaqstant, f'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti ma tistax tkun konvinta illi ġie ppruvat illi s-soċjetà konvenuta Kenky Cars Limited tat garanzija, la qabel u lanqas wara l-bejgħ, li tagħmel tajjeb għall-ispejjez meħtieġa biex jissewwew il-problemi mekkaniċi riskontrati fil-vettura, u ma taqbilx lanqas li ntwera sodisfaċentment li kien intlaħaq ftehim li s-soċjetà konvenuta kellha tħallas l-ispejjez* ***kollha*** *għat-tiswija tal-vettura.*

*Għaldaqstant, f'kull każ li jkun, għad li kien Kenneth Schembri l-venditur tal-vettura li miegħu l-attur ikkuntratta l-bejgħ u kull ftehim li seta' ntlaħaq in segwitu għall-bejgħ, il-Qorti ma tistax tiġġudika fil-konfront tiegħu għaliex mhuwiex imħarrek biex iwieġeb għat-talba u wkoll għaliex ma jirriżulta minn imkien li kien qed jaġixxi jew jinnegozja għan-nom tas-soċjetà konvenuta in segwitu għall-bejgħ.*

*Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima*** *deċiża fit-30 ta' April 1992:-*

"Illi hija ħaġa minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, **sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor**." *[emfasi ta' din il-Qorti]*

*Fil-każ li għandha quddiemha, m'hemm xejn fil-ftehim tal-bejgħ li Kenneth Schembri ma kienx qed jaġixxi f'ismu jew li kien qed ibiegħ il-vettura għan-nom ta' kumpannija b'responsabbilità limitata. Il-korollarju ta' dan hu li Kenneth Schembri ma jistax jiġi tenut iwieġeb għad-domanda tal-attur fir-Rikors promotur u wkoll li l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, lanqas għal xi jedd li jista' jirriżulta li għandu għall-ħlas tal-ammont reklamat minnu lil hinn mill-eżitu tal-azzjoni aestimatorja (fn. 24 Azzjoni li kienet destinata li tfalli wkoll għaliex ma ġietx esperita fil-konfront tal-venditur Kenneth Schembri iżda fil-konfront ta' terz estraneju għall-ftehim ta' bejgħ tal-vettura.).*

*Illi in tema ġie ritenut (fn. 25 Qorti tal-Appell,* ***Karmenu Mifsud v. Onor. Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et.)*** *illi* "l-ħtieġa li att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi mhijiex xi kapriċċ maħsub biex joħloq għarbiel artifiċjali ħalli Qorti ma tistħarriġx il-mertu tal-każ. Dik il-ħtieġa toħroġ sewwasew mir-rieda tal-liġi li deċiżjoni mogħtija minn Qorti tkun torbot lil min messu jkun marbut u mhux lil min ma jkollu l-ebda rabta ma' dak il-fatt" *(fn. 26 Ara, b'eżempju, Qorti tal-Kummerċ 10.10.1990* ***Ray Micallef noe et vs Mark Anastasi et noe*** *(mhux pubblikata) u Qorti tal-Kummerċ 14.10.1991,* ***Avukat Dottor Gino Camilleri noe et vs Albert Mizzi et noe et*** *(ukoll mhux pubblikata).)"*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta rikors tal-appell quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2023, fejn qiegħed jitlob għar-revoka tas-sentenza appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-provi kollha; (b) l-azzjoni stimatorja hija l-azzjoni korretta; (ċ) l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li kien hemm rinunzja tal-garanzija; u (d) l-ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li mkien fil-korp tal-ftehim in kwistjoni ma kien hemm indikat li kienet is-soċjetà appellata biegħet il-vettura lilu.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-17 ta' Frar, 2023 fejn issottomettiet li s-sentenza appellata hija ekwa u ġusta, u għalhekk timmerita konferma u l-appell odjern għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u meħudin in konsiderazzjonijiet is-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata. Minħabba li l-kwistjoni jekk is-soċjetà appellata għandhiex titqies bħala leġittimu kuntradittur fil-proċeduri odjerni tolqot proprju l-azzjoni sħiħa tal-appellant, u għalhekk ukoll l-aggravji l-oħra li huwa qiegħed iressaq quddiemha, din il-Qorti tikkunsidra li jkun opportun li qabel xejn jiġi mistħarreġ ir-raba' aggravju tal-appellant.

9. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li mkien fil-ftehim ma kien hemm indikat li s-soċjetà appellata kienet biegħet il-vettura in kwistjoni lill-appellant. Filwaqt li

jirrileva li l-ewwel Qorti kienet qalet li t-tipa kbira 'Kenky Cars' fuq il-*letter-head* ma kinitx biżżejjed sabiex turi li kienet proprju s-soċjetà appellata li biegħet il-vettura lill-appellant, jargumenta li skont dak li qalet l-ewwel Qorti Kenneth Schembri jista' jibda jiffirma *bills of sales* fuq *letter-head* li tindika ismijiet oħra ta' negozji hawn Malta, għaliex huwa ma jkunx qiegħed wara kollox ibiegħ f'isimhom. Isostni li jekk Kenneth Schembri ried ibiegħ il-vettura f'ismu, huwa ma kienx jagħmel użu minn *bill of sale* fuq *letter-head* tal-kumpannija. Barra minn hekk, jirrileva li l-kwistjoni jekk is-soċjetà appellata kinitx il-leġittimu kuntradittur tal-azzjoni ma kinitx tressqet minnha fir-risposta tagħha jew f'xi stadju ieħor tal-proċeduri, u l-eċċezzjoni lanqas ma kienet ġiet issollevata mill-istess soċjetà appellata jew mill-Qorti *ex officio.* Jikkontendi li fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti kienet issollevat eċċezzjoni *ex officio* bi ksur tal-artikolu 732A tal-Kap. 12, għaliex ma kienet tat l-ebda possibilità lill-partijiet sabiex jittrattawha qabel is-sentenza tagħha, u jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qrati tal-Appell sabiex isostni l-argument tiegħu.[1] B'hekk jgħid li dan l-aggravju tiegħu għandu jintlaqa'.

10. Is-soċjetà appellata ssostni li l-ewwel Qorti qatt ma ddikjarat li hija ma kinitx il-leġittimu kontradittur, u dan fejn saħansitra laqgħet il-ħames eċċezzjoni tal-appellat. Għalhekk tissottometti li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti tibda billi tirrileva li meta l-ewwel Qorti ttrattat il-kwistjoni jekk is-soċjetà appellata kienet tassew il-leġittimu kuntradittur fl-azzjoni odjerna, hija ma kienet qiegħda tqajjem l-ebda eċċezzjoni *ex officio.* Tikkunsidra li t-talba

[1] **James Caruana et *vs.* Victor Abela et**, Qorti tal-Appell, 29.07.2016, u **Veronique Amato Gauci et vs. Marco Zammit**, App. Inf., 19.05.2004.

tal-appellant hija diretta lejn is-soċjetà appellata fejn huwa qiegħed jippretendi li din hija dovuta lejh is-somma ta' €7,016.28 għat-tiswija tal-vettura li huwa allegatament kien xtara mingħandha u li rriżultat difettuża. Għalhekk l-ewwel Qorti qabel xejn kellha tfittex, meħuda ukoll in konsiderazzjoni l-ewwel eċċezzjoni li ressqet is-soċjetà appellata, sabiex tistabbilixxi jekk tassew din tal-aħħar kienet biegħet l-imsemmija vettura lill-appellant, u dan għaliex jekk le, hija kellha mill-ewwel tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tiegħu għall-ħlas. Hawnhekk l-ewwel Qorti ddikjarat li kien irriżulta li l-ftehim tal-bejgħ kien sar bejn l-appellant u Kenneth Schembri, fejn dan tal-aħħar ma kienx indikat li kien qed jidher bħala rappreżentant jew għan-nom tas-soċjetà appellata. Irrilevat li l-ftehim imsemmi kien intestat 'Kenky Cars' li għaliha kien biss isem ta' negozju, filwaqt li l-isem tas-soċjetà appellata ma kien jidher imkien. Irrilevat ukoll li meta xehed Kenneth Schembri, dan qal li huwa kien wieħed mid-diretturi tas-soċjetà appellata, imma min-naħa l-oħra qieset li mkien mill-provi ma kien irriżulta li l-vettura in kwistjoni kienet tappartjeni lis-soċjetà appellata jew li ġiet mibjugħa minnha. Osservat li kien dejjem Kenneth Schembri li kkontratta mal-appellant, kemm fir-rigward tal-bejgħ tal-vettura, kif ukoll wara meta tfaċċaw diversi difetti. Waqt li ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-appellant kien intavola l-preżenti proċeduri fil-konfront tas-soċjetà appellata waħedha u mhux ukoll fil-konfront ta' Kenneth Schembri li miegħu huwa kellu rabta kuntrattwali, ikkunsidrat li ma kienx ġie ppruvat li s-soċjetà appellata kemm qabel kif ukoll wara l-bejgħ kienet tat garanzija sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li kien hemm bżonn għat-tiswija tal-vettura jew li sar ftehim bejn il-partijiet sabiex is-soċjetà appellata tħallas l-ispejjeż għat-tiswija tagħha. Filwaqt li ċċitat dak li qalet il-Qorti tal-Kummerċ fis-

sentenza tagħha fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima**[2], l-ewwel Qorti stqarret għal darb'oħra li ma kien hemm xejn fil-ftehim tal-bejgħ li kien jindika li Kenneth Schembri ma kienx qed jaġixxi f'ismu jew li kien qed ibiegħ il-vettura għan-nom ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata. Għalhekk qalet li hija ma setgħetx tilqa' it-talba tal-appellant fil-konfront tas-soċjetà appellata. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dan kollu li kkunsidrat l-ewwel Qorti. Tgħid li huwa tassew ċar li l-ftehim għall-bejgħ tal-vettura kien sar bejn Kenneth Schembri u l-appellant, hekk kif dawn huma ndikati rispettivament bħala *"Seller"* u *"Buyer"* fil-*Vehicle Bill of Sale,* li kopja tiegħu kif intestata 'Kenky Cars' ġiet esebita mill-appellant stess bħala Dok. C.[3] Fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1001 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tirrileva li t-talba tal-appellant ma setgħet qatt tirnexxi fil-konfront tas-soċjetà appellata, u l-ewwel Qorti, kif sejra tagħmel din il-Qorti, kellha tieqaf hawn mingħajr ma tinvestiga, l-mertu li għall-istess raġuni ma kienx jolqot lis-soċjetà appellata.

12. Għaldaqstant, il-Qorti ma ssibx ir-raba' aggravju tal-appellant ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħad ir-raba' aggravju, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji l-oħra tal-appellant, filwaqt li tbiddel is-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni**

[2] Deċiża 30.04.1992.
[3] *A fol.* 4.

**tas-soċjetà appellata, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha, u tiċħad it-talbiet tal-appellant.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-istess appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**